IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 52**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** — Data u ħin
**It-Tlieta 5 ta' April 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 51**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G51 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 51

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.12 ta' filgħaxija.


8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti G 51** | Punti li joħorġu mill-Minuti G 49 |
| 2.01 | 2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq ma aċċettax il-proposta tal-Kunsill li Triq is-Siġar tinbidel għal Triq il-Kanonku Dekan Carmelo Cefai, minħabba l-fatt li bdil fl-isem ta' triq għandu jsir biss f'każi eċċezzjonali. | Talba sabiex tissemma' triq għal Kanonku Dekan Carmelo Cefai |
| **3.00** | **Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza** | |
| 3.01 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0295/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva lment miċ-ċentru tas-saħħa tar-Rabat dwar allegat nuqqas ta' aċċess għall-klinika min-naħa tal-Pjazza ta' San Katald.<br><br>Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li tali korrispondenza tiġi riferuta lill-perit responsabbli mill-proġett. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. | Ilment miċ-Ċentru tas-Saħħa |
| 3.02 | B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0296/16**, is-Sindku informa l-laqgħa li l-Ombudsman kien bagħat ir-rapport finali tiegħu dwar l-ilment imressaq mis-Sur Ryan Galea (każ nru P0173).<br><br>Is-Sindku qara r-rapport mibgħut mill-Ombudsman u wara li l-Kunsill reġa' eżamina u ddiskuta l-każ, fuq proposta tas-Sindku Charles Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsill unanimament qabel li jirrijafferma l-pożizzjoni meħuda dwar il-każ tas-Sur Galea. Ġie deċiż ukoll li l-korrispondenza mibgħuta mill-*Ombudsman* tiġi mwieġba mill-avukat tal-Kunsill. | Ilment quddiem l-*Ombudsman* |
| **4.00** | **Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet** | |
| 4.01 | Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 256 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. | L-iskeda tal-ħlasijiet numru 256 |
| **5.00** | **Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *Handyman* – RLC/T/135/14** | |
| **5.01** | Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/135/14 għal servizz ta' *Handyman* u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Ian Vassallo issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. | Tiġdid tal-offerta għal servizz ta' *Handyman* – RLC/T/135/14 |
| **6.00** | **Tiġdid tal-offerta għal Ġbir ta' Skart Domestiku – RLC/T/143/14** | |
| **6.01** | Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/143/14 għal servizz ta' ġbir ta' skart domestiku u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. | Tiġdid tal-offerta għal Ġbir ta' Skart Domestiku – RLC/T/143/14 |

## 7.00 Tiġdid tal-offerta għal Ġbir ta' Skart Goff – RLC/T/144/14

7.01 Is-Sindku ressaq l-offerta RLC/T/144/14 għal servizz ta' ġbir ta' skart goff u ppropona li din l-offerta tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tiġi mġedda. *Tiġdid tal-offerta għal Ġbir ta' Skart Goff – RLC/T/144/14*

## 8.00 Korrispondenza

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-korrispondenza kollha relatata ma' Memo 27/2015 dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (L-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali. *Memo 27/2015 dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (L-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali*

** Il-Kunsillier Stephen Borg talab li jiġi skużat fit-8.00 ta' filgħaxija

8.02 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza riċevuta mill-Kumpanija *Green MT* dwar il-*bring-in-sites* li issa kienu ġew trasferiti għal Triq il-Merħliet k/m Triq it-Tiġrija. *Bring-in-sites ta' Misraħ il-Forok*

Is-Sindku informa l-laqgħa li l-*Kumpanija Green MT* ma kinitx qed taqbel mal-proposta tal-Kunsill li l-*bring-in-sites* jiġu trasferiti aktar 'l fuq fi Triq it-Tiġrija ħdejn il-Gallarija tal-Palju.

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li dan is-sett tal-*bring-in-sites* jitneħħew mill-lokalità. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.03 Is-Sindku informa l-laqgħa li s-Soċjetà Maltija tal-Ortikultura bħal kull sena kienet ser terġa' torganizza l-wirja annwali tagħha fil-ġonna ta' San Anton. Huwa kompla li din is-soċjetà kienet qed titlob is-sehem tal-Kunsill f'din il-wirja billi jagħmel qoffa rranġata bi fjuri jew bi ħxejjex tal-ikel u frott, li wara l-wirja dawn il-prodotti se jkunu mogħtija donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. L-ispiża għal din il-qoffa ser tkun ta' €25. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jieħu sehem f'din il-wirja. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament. *Talba mis-Soċjetà Maltija tal-Ortikultura*

8.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0281/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva petizzjoni miġbura minn diversi residenti li joqgħodu fil-limiti ta' Landrijiet, fejn dawn qegħdin jitolbu sabiex it-trasport pubbliku jibda jgħaddi wkoll mill-Landrijiet. *Petizzjoni – Transport pubbliku Landrijiet*

Is-Sindku ppropona li tali petizzjoni tintbagħat f'isem dawn ir-residenti lill-Ministru tat-Trasport. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.00 Minuti Kumitat Amministrattiv Baħrija – Seduti numru B19

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal- *Minuti KA Baħrija –*

Baħrija B19 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Seduti numru B19

**10.00 Materji Oħra**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jinxtara *laptop* għall-użu tal-amministrazzjoni. Il-Kunsillier Nazju Cassar ppropona li jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex jinxtara l-*laptop*. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Xiri ta' *laptop*

10.02 Is-Sindku ppropona li tiġi installata bozza ġdida milli l-Kunsill għandu fuq il-*waiting list,* fi Triq Ħad-Dingli. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Installazzjoni ta' bozza ġdida

10.03 Il-Kunsillier Nazju Cassar issuġġerixxa li parti minn Triq tal-Virtù tissema' għall-Kanonku Dekan Carmelo Cefai. Talba sabiex tissema' triq għal Kanonku Dekan Carmelo Cefai

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li peress li Triq tal-Virtù hija fil-konfini tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù, tali deċiżjoni trid tiġi approvata mill-KA. Għaldaqstant dan il-każ ser jinġieb għall-attenzjoni tal-KA fis-seduta li jmiss.

10.04 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li tigi msaqqfa r-rampa li saret fi Triq Santa Rita li tagħti għal Triq ir-Rebħa. Huwa qal li din ir-rampa mhux qed tintuża mill-pubbliku minħabba l-ammont kbir ta' ħmieġ tal-għasafar li qed ikun fiha. Is-Sindku Charles Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Tissaqqaf ir-rampa ta' Triq Santa Rita

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fid-8.40 ta' filgħaxija

10.05 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssuġġerixxa li ssir talba lil 'Transport Malta' sabiex isiru aktar tabelli li jindikaw id-devjazzjoni tat-traffiku għall-Baħrija. Talba għal aktar tabelli dwar id-devjazzjoni tat-traffiku għall-Baħrija

10.06 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li x-xufiera tal-linji li qed jagħmlu r-rotta tal-5 ta' filgħodu minn Triq Santa Rita qed iħallu l-vettura mixgħula waqt li jkunu qed jistennew fuq il-*bus stop*. Huwa qal li dan qed ikun ta' inkonvenjent għar-residenti taż-żona. Ilment dwar karozzi tal-linja

**11.00 Data tas-seduta li jmiss**

11.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

11.02 Il-laqgħa ntemmet fid-8.48 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ...it-Tlieta... ...10... ta'...Mejju... 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**